MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 308/2007

**Attard Bluemix Concrete Supplies Co Ltd**

**Vs**

**Anthony Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` April, tas-sena 2007 in forza ta` liema gie mitlub illi l-konvenut ghandu jigu kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hames mija u tmienja u disghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm 598.61), konsistenti fi prezz ta` materjal ta` bini ordnat u kkonsenjat lill-istess konvenut. Intalab ukoll sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet legali relattivi dekorribbli mid-data tal-konsenja u cioe` mit-23 ta` Jannar, 2006.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Innota wkoll illi l-konvenut imsejjah tlett darbiet fis-seduta ta` llum, baqa` ma deherx biex iwiegeb ghat-talba ta` l-istess socjeta` attrici.

Ha nota tan-nota pprezentata minn Dottoressa Sammut Catania ghan-nom tas-socjeta` attrici li mil-liema nota jirrizulta illi fil-mori tad-differiment is-sorte gie mhallas fil-waqt illi zammet ferm u impregudikat id-dritt taghha tal-kap ta` l-ispejjez u ta` l-imghaxijiet relattivi fuq is-sorte.

Ha nota tad-dokument ezebit ma` l-istess nota pprezentata llum stess, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. A minn fejn jirrizulta illi l-pagament maghmul mill-konvenut lis-socjeta` attrici fil-fatt sar fil-mori tal-kawza.

Ezamina wkoll id-dokument illi gie ezebit ma` l-istess nota u mmarkat bhala Dok. B minn fejn jirrizulta illi l-konsenja relattiva fil-fatt saret fit-23 ta` Jannar, 2006.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta` attrici fuq is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, fl-istess hin jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas l-ispejjez fuq is-sorte, liema nteressi ghandhom jiddekkorru mit-23 ta` Jannar, 2006 u kif ukoll jikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-ispejjez ta` l-odjerna kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------